VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,943, 14 ta' Ottubru, 2022
Taqsima B

A.L. 254 tal-2022

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2022 li jwaqqaf l-Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jwaqqaf l-Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2022, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "id-data appuntata".

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser, sakemm ma jkunx indikat xort'oħra, l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta stabbilita skont l-artikolu 3;

"Bord" tfisser il-Bord ta' Ġestjoni stabbilit skont l-artikolu 4;

"Chairperson" tfisser iċ-Chairperson tal-Bord maħtur skont l-artikolu 4(2)(a);

"Gazzetta" għandha jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni; Kap. 249.

"Gvern" tfisser, sakemm ma jkunx indikat xort'oħra, il-Gvern ta' Malta;

"Kap Eżekuttiv" tfisser il-Kap Eżekuttiv kif ipprovdut fl-artikolu 6;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Arti, il-korp korporattiv stabbilit skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti; Kap. 542.

"Malta" tfisser il-gżira ta' Malta, il-gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-Arċipelagu Malti, inklużi l-ibħra territorjali tagħha;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-kultura;

"National Orchestra Limited" tfisser in-National Orchestra Limited, il-kumpanija privata u ta' responsabilità limitata, bin-numru ta' reġistrazzjoni C-21996, inkorporata f'Malta taħt l-Att dwar il-Kumpaniji fis-17 ta' Ottubru 1997;

Kap. 386.

"Orkestra Filarmonika Nazzjonali" tfisser l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, iffurmata fis-sena 1968 bħala l-Orkestra tat-Teatru Manoel, u mwaqqfa fis-sena 1997 bħala l-Orkestra Nazzjonali, magħrufha mis-sena 2008 `il quddiem bħala l-Orkestra Filarmonika ta' Malta;

"Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti;

Kap. 542.

"Segretarju Permanenti" tfisser il-persuna, maħtura skont l-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni li tkun assenjata u qed taġixxi fl-irwol ta' Segretarju Permanenti kif deskritt fl-Att fil-Ministeru responsabbli għall-kultura;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax-il (12) xahar, li jibda mill-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru:

Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fid-data appuntata għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2023;

"settur" tfisser is-settur kulturali u tirreferi għall-attivitajiet magħmula minn individwi, organizzazzjonijiet u intrapriżi li joperaw f'xi waħda mill-attivitajiet imniżżla fl-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti;

Kap. 542.

"Tim Eżekuttiv" tfisser it-Tim Eżekuttiv kif ipprovdut fl-artikolu 6(3).

It-twaqqif tal-Aġenzija.

3. (1) Għandu jkun hemm korp, li għandu jkun magħruf bħala l-Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta, u li tista' tkun magħrufha wkoll bħala l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, għall-funzjonijiet primarji li taddotta u timplimenta l-istrateġija artistika tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, u sabiex timplimenta l-għanijiet u twettaq dawk il-funzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-ordni u sabiex toħloq, iżżomm, torganizza, tamministra u tissorvelja l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' portafoll ta' avvenimenti

kulturali u artistiċi nazzjonali u internazzjonali, festivals u proġetti ta' infrastruttura kulturali relatati mal-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

(2) L-Aġenzija għandha tkun korp korporattiv b'personalità ġuridika distinta u għandha tkun kapaċi, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, li tidħol f'kuntratti, li timpjega impjegati, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà għall-għan tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u li tiġi mħarrka, li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u tidħol fit-transazzjonijiet kollha bħal dawn li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju u t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-ordni, u kwalunkwe funzjoni jew operazzjoni oħra tal-Gvern kif jista' jiġi assenjat taħt il-liġi.

(3) Ir-rappreżentanza legali tal-Aġenzija għandha tkun vestita fiċ-Chairperson:

Iżda ċ-Chairperson jista', minn żmien għal żmien u taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet u b'dawk is-setgħat li hu jiddetermina bil-miktub u li jippreżenta f'laqgħa tal-Bord, u li jiġu approvati mill-Bord, jaħtar kwalunkwe wieħed (1) jew aktar mill-membri tal-Bord, jew kwalunkwe wieħed (1) jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati tal-Aġenzija, biex jidhru f'isem u għan-nom tal-Aġenzija fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji jew fuq kwalunkwe att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun xi jkun.

(4) Il-Ministru għandu jassenja lill-Aġenzija kumpanija għall-kummerċjalizzazzjoni ta':

(a) l-operat tal-Aġenzija;

(b) il-proprjetà ġestita mill-Aġenzija; u

(ċ) il-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

Il-Bord tal-Aġenzija.

4. (1) L-Aġenzija għandu jkollha Bord ta' Ġestjoni, bl-irwol primarju li tissorvelja t-tmexxija tal-Aġenzija minn aspett amministrattiv u artistiku.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) iċ-Chairperson, li għandu jkun maħtur mill-Ministru wara konsultazzjoni mas-Segretarju Permanenti;

(b) id-Deputat Chairperson, li għandu jkun maħtur mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija magħżula skont l-artikolu 3(4);

(ċ) mhux inqas minn tlieta (3) u mhux iktar minn seba' (7) membri ordinarji, maħtura mill-Ministru;

li għandhom ikollhom kwalifiki professjonali, kompetenza teknika, għarfien jew esperjenza fil-qasam tal-mużika orkestrali, jew juru li għandhom ħiliet f'materji relatati mas-settur tal-mużika orkestrali, jew li għandhom ħiliet u kompetenzi li permezz tagħhom jistgħu jgħinu lill-Bord fil-qadi tal-irwol tiegħu; u

(d) is-Segretarju, li għandu jkun maħtur minn fost l-uffiċjali jew l-impjegati tal-Aġenzija mill-Ministru wara konsultazzjoni maċ-Chairperson.

(3) Persuna ma għandhiex tkun eliġibbli biex isservi bħala membru tal-Bord jew għandha tkun skwalifikata milli tkompli sservi bħala membru tal-Bord:

(a) fejn dik il-persuna tinstab ħatja ta' xi reati msemmija fit-Titoli V, VI u IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(b) fejn dik il-persuna tkun soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

Kap. 386.

(ċ) fejn dik il-persuna tinstab ħatja ta' serq jew frodi, jew xjentement irċeviet proprjetà miksuba minn serq jew frodi jew ħasil ta' flus jew tixħim, jew tingħata sentenza għal terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur;

(d) fejn dik il-persuna tkun legalment interdetta jew inabilitata;

(e) fejn dik il-persuna tkun Imħallef jew Maġistrat tal-Qrati tal-Ġustizzja;

(f) fejn dik il-persuna tkun membru tal-Kabinett skont l-artikolu 79 tal-Kostituzzjoni jew Segretarju Parlamentari maħtur skont l-artikolu 88 tal-Kostituzzjoni; jew

(g) fejn dik il-persuna jkollha interess finanzjarju jew interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord.

(4) Il-membri kollha tal-Bord, irrispettivament mill-irwol tagħhom, għandhom:

(a) fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, jaġixxu bi

prudenza, diliġenza, attenzjoni u josservaw l-akbar *bona fede*;

(b) jimxu mal-Kodiċi ta' Etika tal-membri tal-Bord fis-Settur Pubbliku maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru; u

(ċ) jiffirmaw intendiment li jiddeskrivi l-obbligi tagħhom bħala membri tal-Bord, inkluż l-obbligu tal-kunfidenzjalità u li jirregola l-kunflitti ta' interess.

(5) It-terminu tal-kariga tal-membri tal-Bord għandu jiskadi wara tliet (3) snin:

Iżda l-mandat ta' membru tal-Bord jista' jintemm ukoll mal-mewt jew ir-riżenja ta' dak il-membru jew l-iskwalifika ta' dik il-persuna biex tkompli sservi bħala membru.

Il-laqgħat tal-Bord.

5. (1) Il-kworum meħtieġ għall-operat tal-Bord għandu jkun nofs il-membri fil-kariga flimkien u wieħed (1):

Iżda persuna, bl-approvazzjoni taċ-Chairperson, tista' tiġi mistiedna minn kwalunkwe membru tal-Bord jew mill-Ministru biex tattendi laqgħa tal-Bord bħala osservatur, bid-dritt u l-ħin li titkellem kif jista' jingħata mill-membru li jkun qed jippresjedi l-laqgħa:

Iżda wkoll l-Kap Eżekuttiv u t-Tim Eżekuttiv għandhom id-dritt li jitolbu li jattendu laqgħa tal-Bord bħala osservatur biex jagħmlu preżentazzjonijiet fuq kwalunkwe materja li tirrigwardja t-tmexxija tal-affarijiet tal-Aġenzija jew dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tal-Aġenzija.

(2) Il-Bord għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' mill-inqas darba kull xahar kalendarju, f'dik id-data u f'dak il-ħin stabbiliti miċ-Chairperson wara konsultazzjoni mal-membri l-oħra tal-Bord:

Iżda ċ-Chairperson għandu jagħmel l-isforz u l-arranġamenti meħtieġa li jippermettu lill-membri kollha jattendu għal-laqgħa fid-data u l-ħin stabbilit.

(3) Fin-nuqqas taċ-Chairperson, il-laqgħat għandhom ikunu preseduti mid-Deputat Chairperson.

(4) Is-Segretarju għandu jkun ukoll responsabbli li jieħu l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Bord, u li jżomm rekord f'dawn il-minuti tal-mistoqsijiet kollha li tqajmu, tal-korrispondenza u dokumenti sottomessi, u ta' kwalunkwe dikjarazzjonijiet tad-direzzjonijiet meħuda fil-kotba miżmuma għal dak il-għan.

(5) Meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu:

(a) li għandu jittieħed vot, kull membru tal-Bord għandu jkollu vot oriġinali, ħlief għas-Segretarju li għandu jkun membru tal-Bord mingħajr vot;

(b) li għandu jittieħed vot li jkisser il-parità, il-membru li jippresiedi l-laqgħa għandu jingħata vot deċiżiv;

(ċ) li membru jew osservatur jitneħħa waqt laqgħa waħda (1) jew iktar, il-membru li jippresiedi l-laqgħa għandu jkollu s-setgħa li jneħħi l-membru jew l-osservatur;

(d) li l-mandat ta' membru jkun sospiż temporanjament, il-membru jista' jissospendi lilu nnifsu jew jiġi sospiż mill-Ministru:

Iżda li:

(i) f'każ ta' awto-sospensjoni, il-membru għandu jikteb lill-Bord u lill-Ministru jinfurmahom bl-awto-sospensjoni; u

(ii) f'każ li l-membru jiġi sospiż mill-Ministru, il-Ministru għandu jikteb lill-membru li jkun sospiż u lill-Bord jispjega r-raġunijiet għas-sospensjoni;

Iżda wkoll il-membri ma għandhomx jitħallew jieħdu vot li jordna s-sospenzjoni ta' mandat ta' membru;

(e) li membru jitneħħa mill-kariga, il-membru jista' jitneħħa mill-Ministru:

Iżda l-Ministru għandu jikteb lill-membru li ser jitneħħa mill-kariga u lill-Bord, u jispjega r-raġunijiet għat-tneħħija;

Iżda wkoll il-membri ma għandhomx jitħallew jieħdu vot li jordna t-tneħħija ta' membru mill-kariga.

(6) Il-Bord għandu jagħti lill-Ministru l-faċilitajiet biex jikseb kwalunkwe informazzjoni dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tal-Aġenzija, u għandu jforni lill-Ministru bi prospetti, kontijiet u informazzjoni oħra fir-rigward tal-funzjonijiet tiegħu, u jagħti faċilitajiet għall-verifikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni mogħtija, b'tali mod u f'tali żminijiet li l-Ministru jista' jeħtieġ.

(7) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, għal dak li għandu x'jaqsam maż-żamma tal-

laqgħat tal-Bord, l-avviż li għandu jingħata għal dawn il-laqgħat, il-proċedimenti fir-rigward tagħhom, iż-żamma tal-minuti, il-kustodja, il-produzzjoni u l-ispezzjoni ta' dawk il-minuti u l-ftuħ, iż-żamma, l-għeluq u l-verifika tal-kontijiet.

(8) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord għandha tkun skont id-direttivi applikabbli u l-linji gwida maħruġa mill-Gvern minn żmien għal żmien.

It-tmexxija tal-affarijiet tal-Aġenzija.

6. (1) L-affarijiet u x-xogħol tal-Aġenzija għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' u għandhom jitmexxew mill-Kap Eżekuttiv.

(2) Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli partikolarment, iżda mhux limitatament:

(a) mit-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija;

(b) mis-superviżjoni ġenerali organizzattiva, il-kontroll ġenerali u l-koordinazzjoni tax-xogħol tal-Aġenzija;

(ċ) mill-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-ħidma u l-iżvilupp tal-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Aġenzija;

(d) milli jiġbor, jipprovdi informazzjoni u jwettaq xogħol preparatorju għall-iskop tar-rapporti dwar l-operat tal-Aġenzija;

(e) mit-tmexxija tat-Tim Eżekuttiv.

(3) Fit-twettiq tal-irwol tiegħu, il-Kap Eżekuttiv għandu jkun assistit mit-Tim Eżekuttiv, li għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) il-Kap Amministrattiv, li għandu jkun responsabbli, iżda mhux limitatament, mir-riżorsi umani, mis-superviżjoni finanzjarja, u mill-pjan tan-negozju u l-baġit tal-Aġenzija;

(b) il-Kap tal-Iżvilupp, li għandu jkun responsabbli, iżda mhux limitatament, mill-immaniġġjar tal-komunikazzjoni u tal-marketing tal-Aġenzija, u mill-internazzjonalizzazzjoni;

(ċ) il-Kap tal-Operat, li għandu jkun responsabbli, iżda mhux limitatament, mil-loġistika, u mill-iżvilupp ta' relazzjoni, kollaborazzjoni u koordinazzjoni mal-Kunsill u Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi oħra;

(d) il-Kap Artistiku, li għandu jkun responsabbli, iżda mhux limitatament, mill-iżvilupp artistiku, taħriġ, inizjattivi

edukattivi, u koordinament mal-membri tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

(4) Fl-eżerċizzju tal-poter tiegħu li jaħtar jew jaħtar mill-ġdid persuni fil-karigi msemmija f'dan l-artikolu, il-Ministu jista' jaħtar Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Ħatriet, bl-irwol li jmexxi l-proċess tal-għażla, u jevalwa l-kandidati li ssottomettew isimhom għall-kariga vakanti:

Iżda l-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Ħatriet għandu jkun magħmul minn persuni b'ħiliet u kompetenzi relatati mat-tmexxija tal-Aġenzija, u li mhumiex taħt xi skwalifika mniżżla fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(3) u (4).

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(3) u (4) u tal-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 5(5) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-persuni li jservu fil-karigi msemmija f'dan l-artikolu.

(6) Persuni li jservu fil-karigi msemmija f'dan l-artikolu għandhom iżommu l-kariga għal perjodu ta' erba' (4) snin:

Iżda li l-mandat jista' jintemm ukoll mal-mewt jew ir-riżenja ta' dik il-persuna jew l-iskwalifika ta' dik il-persuna biex tkompli sservi fil-kariga.

Il-funzjonijiet tal-Aġenzija.

7. (1) Għandha tkun il-funzjoni u l-għan tal-Aġenzija li:

(a) tippromwovi l-mużika klassika, moderna, u Maltija, u tippromwovi l-mużika bħala mezz ta' żvilupp personali u komunitarju;

(b) tippromwovi, permezz tal-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, l-għarfien u l-apprezzament pubbliku għall-mużika, u t-talenti marbutin ma' din l-arti;

(ċ) tiżviluppa u żżomm il-profil nazzjonali u internazzjonali tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali;

(d) issostni u tippromwovi lill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, u tipprovdi l-pjattaforma xierqa għas-sostenn, it-tkabbir u l-iżvilupp tal-portafoll eżistenti tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' festivals, recitals, wirjiet mużikali u kunċerti eżistenti, u tibni l-istess portafoll billi tintroduċi ideat ġodda u innovattivi u żżid l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-udjenza;

(e) tippromwovi, tinkoraġġixxi u tipprovdi eżekuzzjoni ta' avvenimenti u prestazzjoni mużikali tal-ogħla livell,

komparabbli mal-livelli ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin;

(f) tiżviluppa l-portafoll tal-kunċerti, avvenimenti u festivals f'pjattaforma kreattiva kontinwa għal artisti Maltin u internazzjonali u operaturi kreattivi permezz tal-kummissjoni ta' xogħol ġdid, anke fi sħubija ma' entitajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet lokali, nazzjonali u internazzjonali u organizzaturi ta' avvenimenti;

(g) torganizza attivitajiet u avvenimenti madwar Malta, u tiżviluppa pjanijiet distinti għal kull attività u avveniment biex tinvolvi udjenzi u setturi diversi tas-soċjetà;

(h) tipprovdi dak li hu neċessarju sabiex tiffaċilita l-attendenza għall-attivitajiet u l-avvenimenti, u żżid il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-udjenza, u tagħmel użu mit-teknoloġija, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni għas-sostenn sħiħ tal-istess attivitajiet u avvenimenti;

(i) tqarreb il-mużika eżegwita mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali iktar lejn in-nies billi tinkoraġġixxi, tibni u żżid il-parteċipazzjoni f'attivitajiet u avvenimenti, u dan ukoll permezz ta' komunikazzjoni ffukata u effettiva;

(j) takkwista strumenti u għodod oħra neċessarji għall-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali;

(k) tikkordina l-ivvjaġġar u l-prestazzjonijiet tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali barra minn Malta, u tinkoraġġixxi l-irwol tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali fil-promozzjoni kulturali ta' Malta;

(l) taħdem mill-qrib mal-persuni, l-entitajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet relevanti sabiex tiżviluppa u żżomm l-immaġini u l-marka ta' Malta internazzjonalment fis-settur tal-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, u tippromwovi u tiżviluppa l-istess settur bħala qasam fit-turiżmu kulturali lokali;

(m) tinkoraġġixxi kalendarju nazzjonali tal-arti u l-kultura, li joffri programm konsolidat u jixpruna sinerġiji, impatt u allinjament ikbar f'organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi u privati;

(n) tistabbilixxi netwerk b'saħħtu ta' affiljazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet kulturali lokali u internazzjonali, li tista' tinkludi wkoll sħubijiet f'kunċerti, avvenimenti u festivals

lokali, reġjonali u internazzjonali;

(o) tipprovdi l-istrumenti ta' sostenn sħiħ għal avvenimenti u festivals f'Malta u lil hinn, permezz ta' teknoloġija, komunikazzjoni, kummerċjalizzazzjoni u għajnuna komuni;

(p) torganizza inizjattivi edukattivi u taħriġ;

(q) tiddetermina rikonoxximent ulterjuri tal-marka għall-prodott tal-Aġenzija; u

(r) tagħmel dawk l-affarijiet li jistgħu jitqiesu anċillari għall-funzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu.

(2) Għall-iskop tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija:

(a) tista' tikkollabora ma' Ministeri, Dipartimenti, awtoritajiet, korporazzjonijiet u aġenziji tal-Gvern, kunsilli lokali, kunsilli reġjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi u persuni oħra;

(b) tista' tidħol fi ftehim, kuntratti u obligazzjonijiet ma' persuni fiżiċi kif ukoll legali, entitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet lokali, nazzjonali u internazzjonali;

(ċ) għandha tikkollabora mill-qrib mal-kumpanija magħżula skont l-artikolu 3(4) għall-kummerċjalizzazzjoni tal-operat tal-Aġenzija u l-funzjonament tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

Il-ħaddiema tal-Aġenzija.

8. (1) Mid-data appuntata:

(a) l-impjegati ta' National Orchestra Limited għandhom isiru impjegati tal-Aġenzija taħt l-istess termini u kondizzjonijiet kif jeżistu fid-data appuntata;

(b) il-kuntratti tal-impjieg u l-ftehim kollettiv konklużi minn National Orchestra Limited, u li għadhom attivi u validi fid-data appuntata, għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku dawn il-kuntratti ġew konklużi mill-Aġenzija; u

(ċ) il-kuntratti ta' servizz konklużi minn National Orchestra Limited ma' mużiċisti tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, u li għadhom attivi u validi fid-data appuntata, għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku dawn il-kuntratti ġew konklużi mill-Aġenzija.

(2) L-impjegati kollha tal-Aġenzija għandhom jitqiesu bħala l-impjegati tal-Aġenzija mid-data appuntata skont l-artikolu 38 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kap. 452.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, ta' kwalunkwe liġi oħra applikabbli għall-istess, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni u kwalunkwe direttivi applikabbli, il-ħatra ta' impjegati tal-Aġenzija, li jkunu meħtieġa għat-twettiq xieraq u effettiv tal-funzjonijiet tagħha, għandha ssir mill-Aġenzija stess, b'dik ir-rimunerazzjoni u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li tista' tiddetermina l-Aġenzija.

(4) (a) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, l-Aġenzija tista' minn żmien għal żmien, u wara konsultazzjoni mal-Ministru, titlob li kwalunkwe impjegat pubbliku għandu jiġi nkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija f'dik il-kapaċità u b'effett minn dik id-data kif jista' jiġi speċifikament mitlub, maqbul jew approvat.

(b) Għaż-żmien li fih uffiċjal pubbliku jiġi nkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija, waqt li hu jkun taħt d-direzzjoni amministrattiva u l-kontroll tal-Aġenzija, hu għandu jibqa' u jżomm id-drittijiet u l-obbligi kollha bħala uffiċjal pubbliku, u għall-finijiet ta' kwalunkwe liġi relatata ma' pensjonijiet għal servizz mal-Gvern, servizz mal-Aġenzija għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern:

Iżda fl-evalwazzjoni tal-ħlas pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal għall-finijiet ta' kwalunkwe liġi relatata ma' pensjonijiet għal servizz mal-Gvern, ma għandhomx jittieħdu kont ta' kwalunkwe allowances, bonuses jew gratwità mħallsa lil dak l-uffiċjal li jeċċedu dak li għalih huwa intitolat bħala uffiċjal pubbliku:

Iżda wkoll li matul dak iż-żmien li fih ikun hekk inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk annessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern matul il-perjodu imsemmi preċedentement, u dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet ma għandhomx jitqiesu li huma inqas favorevoli għaliex mhumiex fl-aspetti kollha identiċi jew superjuri għal dawk li kien igawdi l-uffiċjal konċernat fid-data meta jkun ġie hekk inkarigat, jekk fl-opinjoni tal-Prim Ministru dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet, meħuda flimkien, joffru sostanzjalment benefiċċji ekwivalenti jew ikbar.

(ċ) L-Aġenzija għandha tuża l-iskala ta' salarju u gradi adottati mill-Kunsill:

Iżda l-ebda kariga ma għandha tiġi klassifikata fi grad

ogħla mit-tielet (3) Grad tas-servizz mal-Gvern jew xi grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Il-finanzjament, il-kontroll finanzjarju u l-kontabilità tal-Aġenzija. Kap. 601.

9. (1) L-Aġenzija għandha tkun regolata permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, skont l-artikolu 31 tal-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, l-Aġenzija għandha twettaq il-ħidma tagħha b'tali mod li n-nefqa meħtieġa għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandha, safejn dan ikun prattikabbli, tiġi sodisfatta mid-dħul tagħha u mill-kummerċjalizzazzjoni tal-operat tagħha.

(3) L-Aġenzija għandha wkoll tirċievi mingħand il-Gvern, mill-Fond Konsolidat, dawk l-ammonti li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu awtorizzati għall-allokazzjoni biex tiġi koperta parti min-nefqa tagħha li ma tistax tiġi sodisfatta mid-dħul tagħha u mill-kummerċjalizzazzjoni tal-operat tagħha, kif ukoll spejjeż għal xogħlijiet speċifiċi li għandhom jitkomplew jew li għandhom xort'oħra jiġu eżegwiti mill-Aġenzija.

(4) Bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jieħu wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, kwalunkwe eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu jiġi applikat mill-Aġenzija għall-formazzjoni ta' fondi ta' riżerva li għandhom jintużaw għall-għanijiet tal-Aġenzija:

Iżda l-Ministru u l-Ministru responsabbli għall-finanzi jistgħu, bil-miktub, jordnaw lill-Aġenzija:

(a) li tittrasferixxi lill-Gvern tali eċċess tad-dħul; jew

(b) li tapplika dak l-eċċess tad-dħul b'tali mod jew għall-iskop li jista' jiġi speċifikat.

(5) Kwalunkwe fondi tal-Aġenzija li mhumiex meħtieġa b'mod immedjat sabiex jissodisfaw in-nefqa, jistgħu jiġu investiti b'tali mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

(6) L-Aġenzija, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, tista' timponi drittijiet, rati u ħlasijiet oħra kif jistgħu jiġu ppubblikati jew miftiehma ma' terzi persuna.

(7) (a) Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli li jamministra l-Aġenzija fil-parametri finanzjarji tal-Aġenzija.

(b) Il-Kap Amministrattiv għandu jiżgura li l-Aġenzija

topera b'osservanza stretta mar-regolamenti finanzjarji skont dan l-ordni u kwalunkwe regolamenti finanzjarji oħra applikabbli tal-Gvern.

(8) (a) L-Aġenzija għandha tħejji rapport annwali li fih għandha tagħti rendikont tal-operat tagħha, l-attivitajiet, u s-sitwazzjoni finanzjarja fir-rigward ta' kull sena finanzjarja.

(b) Fir-rapport annwali tagħha, l-Aġenzija għandha tipprovdi:

(i) ħarsa ġenerali lejn l-operat tal-Aġenzija matul dik is-sena finanzjarja, inkluża referenza għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet inkorporati u l-governanza korporattiva tal-Aġenzija; u

(ii) dikjarazzjoni finanzjarja u r-rapport tal-awditur jew awdituri, maħtur minn nofs il-membri tal-Bord u wieħed (1), li jkun fih dikjarazzjoni:

(aa) dwar il-pożizzjoni finanzjarja;

(bb) dwar il-prestazzjoni finanzjarja;

(ċċ) dwar il-bidliet fl-assi netti jew fl-ekwità;

(dd) dwar il-likwidità;

(ee) dwar il-paragun bejn l-istimi ppreparati għas-sena finanzjarja taħt eżami u n-nefqa attwali tas-sena finanzjarja taħt eżami, u bejn in-nefqa attwali tas-sena finanzjarja taħt eżami u n-nefqa attwali tas-sena ta' qabel;

(ff) li jkun fih l-opinjoni tal-awditur jew awdituri dwar il-ġestjoni tal-akkwist, il-pożizzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-Aġenzija;

(gg) li jkun fiha noti, li jinkludu sommarju tal-politiki ta' kontabilità sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni:

Iżda li l-kuntratt ta' servizz mal-awditur jew awdituri maħtur għandu jiġi konkluż fi żmien xahar mill-aħħar tas-sena finanzjarja u l-awditur jew awdituri għandhom ikunu marbuta li jikkonkludu x-xogħol tagħhom u jipprovdu lill-Aġenzija bir-rapport fi żmien ħames (5) xhur mid-data tal-kuntratt ta' servizz.

(ċ) L-Aġenzija għandha, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li tkun irċeviet ir-rapport tal-verifika mill-awditur jew awdituri, tittrasmetti u tippreżenta r-rapport annwali lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti.

(d) Il-Ministru għandu, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jirċievi r-rapport annwali tal-Aġenzija, iqiegħed ir-rapport annwali fuq il-Mejda tal-Kamra, jew jekk f'xi żmien matul dak il-perjodu l-Kamra ma tkunx f'sessjoni, fi żmien ġimgħa mill-bidu tas-sessjoni ta' wara li jmiss.

Jemenda r-Raba' Skeda tal-Att.

10. Fir-Raba' Skeda tal-Att, minnufih wara l-partita:

"Aġenzija għal Infrastructure Malta	Sabiex twettaq kwalunkwe funzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, relatati mad-disinn, tiswija, manutenzjoni u mal-operat ta' proġetti infrastrutturali, inklużi t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki relatati mal-istess"

tagħha għandha tiġi miżjuda din il-partita l-ġdida li ġejja:

"Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta	Sabiex taddotta u timplimenta l-istrateġija artistika tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.".